**3 ta' Novembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Dr. Enrico *sive* Henry Vassallo *et*

*versus*

Ministru għall-Edukazzjoni u Intern *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà ta' Espressjoni – Libertà ta' Ħsieb – Diskriminazzjoni – Opinjoni Politika – Stampa – Moralità Pubblika – Pudur**

*Ir-rikorrenti allegaw li kienu qegħdin jiġu assoġġettati għal disrkiminazzjoni politika u ksur tad-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni u libertà ta' ħsieb meta huma tressqu l-Qorti akkużati bil-pubbliкazzjoni ta' diversi ritratti f'gazzetta offendew il-moralità pubblika u l-pudur. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti rriteniet li ma kienx hemm diskriminazzjoni billi n-natura tar-ritratti minnhom ippublikati u dawk ippubblikati f'gazzetti oħra kienu ta' natura u ġeneru differenti. Inoltre l-libertà ta' espressjoni u ta' ħsieb tagħhom ma kinux ġew ivvjolati billi l-proċeduri li kienu ttieħdu, ittieħdu fl-interess tal-moralità u tad-deċenza pubblika.*

1. Dottor Enrico *sive* Henry Vassallo bħala Editur u Carmel Hili bħala Stampatur tal-gazzetta "Alternattiva" ġew

akkużati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, illi permezz tal-pubblikazzjoni "Kif Alla Jridna (2) Solidarjetà mal-ħwejjeġ ta' taħt ta' Carmen" fl-istess gazzetta, fl-edizzjoni tat-3 ta' Frar, 1990, fil-paġna 11, direttament jew indirettament, jew bl-użu ta' kliem ekwivoku, offendew il-moralità pubblika jew il-pudur kontra dak li hemm fl-artikoli 3 u 7 ta' l-Att dwar l-Istampa – 1974. Huma kellhom jidhru quddiem il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 1990;

2. Fit-12 ta' Ġunju, 1990, huma rrikorrew quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, billi dehrilhom illi l-proċeduri kriminali promossi kontra tagħhom jivvjolaw (a) id-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni – artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja; (b) il-garanzija kontra trattament diskirminatorju minħabba opinjoni politika – artikolu 45 tal-Kostituzzjoni; u (ċ) il-libertà ta' ħsieb – artikolu 9 tal-Konvenzjoni;

Għalhekk talbu lil dik il-Qorti biex (i) tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati fil-konfront tagħhom huwa illegali u abbużiv, u konsegwentement, (ii) tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali tagħhom;

3. (a) L-intimat Ministru eċċepixxa li huwa ġie mħarrek ħażin u inutilment, *stante* li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' proċeduri li ttieħdu kontra r-rikorrenti, u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(b) (i) Il-Kummissarju tal-Pulizija objetta li huwa aġixxa in konformità mal-Kodiċi Kriminali u mal-liġi ta' l-Istampa – u dawk id-disposizzjonijiet ma kinux qed jiġu, mir-rikorrenti

impunjati;

(b) (ii) Il-mertu ta' l-akkuża kontra r-rikorrenti jrid jiġi deċiż mill-Qorti li quddiemha ġew akkużati u mhux minn dik l-Onorabbli Qorti;

(b) (iii) Li japplika għall-każ is-subartikolu 8 ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

4. Fil-25 ta' Frar, 1993, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet ir-rikors u qalet:

"L-azzjoni kriminali kontra r-rikorrenti tal-lum ittieħdet mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija taħt il-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u taħt dawk ta' l-Att dwar l-Istampa (Att Nru. XL ta' l-1974 illum kapitolu 248). Dina l-azzjoni ttieħdet mill-istess Kummissarju tal-Pulizija fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala tali; f'dna il-qadi huwa aġixxa awtonomament. Il-Ministru responsabbli għall-affarijiet ta' l-Intern ma għandux fost il-funzjonijiet tiegħu dik ta' prosekutur;

Għalhekk il-kontradittur leġittimu f'dan il-każ huwa unikament l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, u l-intimat l-ieħor, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern għandu jiġi lliberat, kif fil-fatt qiegħed jiġi lliberat, mill-osservanza tal-ġudizzju fuq l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni preliminari minnu ssollevata li l-Qorti qiegħda tagħmel, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat dwar il-mertu tat-talbiet in kwantu jirriferixxu għat-tfixkil tal-libertà ta' espressjoni li l-Istampa għandha garantita mil-Liġijiet Kostituzzjonali li ssemmew fir-rikors;

Il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha dak li jgħidu (i) l-artikolu 45 *recte* 41(2)(a)(i) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u (ii) l-artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

L-ewwel wieħed jippreskrivi li ebda ħaġa li tkun magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti mal-libertà ta' espressjoni garantita mill-istess artikolu "sa fejn dik il-liġi tagħmel provvediment li jkun meħtieġ raġonevolment fl-interess tal-...*omissis*... moralità jew diċenza pubblika...*omissis*...u sakemm dan ikun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika";

It-tieni wieħed isemmi (fost ħwejjeġ oħra) illi l-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni huwa soġġett għal restrizzjonijiet b'liġi li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika "fl-interessi tal-morali"; fost oħrajn li jissemmew;

Issa l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Istampa jagħmel reat l-għemil ta' "kull min joffendi l-moralità pubblika jew il-pudur" bil-mezz (fost oħrajn) ta' stampat;

F'dan il-waqt għandu jiġi enfasizzat illi r-rikorrenti b'ebda mod ma qegħdin jikkwestjonaw il-kostituzzjonalità ta' dana l-artikolu fl-Att dwar l-Istampa; li jqegħdu in dubju huwa l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija meta qiegħed jakkużahom bi ksur ta' l-istess artikolu tal-liġi;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti kif ikkostitwita tħares lejn dina l-kwistjoni mill-angolu li sejjer jissemma. Hawnhekk *non si tratta* minn kwistjoni

ta' kostituzzjonalità fl-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija (l-argument tar-rikorrenti jista' jwassal biex wieħed jgħid illi kull darba illi l-Kummissarju tal-Pulizija jibda biex jixli 'l xi ħadd quddiem il-Qorti bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' liġi kriminali huwa **SA MINN QABEL MA JKUNU KONKJUŻI L-PROĊEDURI KRIMINALI STESS** ikun qiegħed jonqos milli jkun konsistenti mal-liġijiet kostituzzjonali jekk l-aġir li jimputa lill-akkużat ma jkunx jikkostitwixxi reat). Għall-kuntrarju, il-Qorti tħares lejn il-problema bħala wieħed sempliċi ta' ġudizzju fuq il-provi li jinġiebu dwar il-ħtija jew innoċenza ta' min ikun *akkużat. Dana huwa* proprju *l-eżerċizzju li l-liġi* stess tafda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li quddiemha ġà tressqu r-rikorrenti tallum;

Minn dana joħroġ illi l-ilment tar-rikorrenti dwar il-vjolazzjoni tagħhom għad-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni m'huhiex fondat;

Ikkunsidrat dwar l-ilment illi l-Kummissarju tal-Pulizija *ddiskrimina kontra r-rikorrenti billi*, minħabba *l*-opinjoni politika li huma jħaddnu, huwa mexxa azzjoni kriminali kontra tagħhom biss, għalkemm kien hemm ġurnali oħra fejn (kif jallegaw l-istess rikorrenti) ġiet miksura l-istess disposizzjoni tal-liġi u b'danakollu l-Kummissarju ma ħax passi;

Il-Qorti ma kellha quddiemha ebda prova ta' xi każ ta' pubblikazzjoni fl-istampa lokali fejn mart wieħed li kien qiegħed jissubixxi perkwisizzjoni mill-Pulizija fid-dar ta' l-abitazzjoni *tagħhom tiġi murija bil-kitba u bir-ritratti bil-mod kif ġiet* esposta dina l-mara miżżewġa f'dan il-każ u partikolarment bir-raġġiera ta' ritratti ta' ħwejjeġ intimi li hemm imdawrin ma' l-immaġini ta' wiċċha daħqan. Jekk huwiex dan l-artikolu ta' l-

"Alternattiva" offensiv għall-moralità pubblika, (li mhux daqstant faċli li tiġi definita fir-rigward taż-żmien, ambjent, livelli etiċi u kulturali u ċirkostanzi oħra li kollha flimkien imorru biex jiffurmaw il-mudullin soċjali tal-pajjiż), u jekk huwiex offensiv għall-pudur, sejjer joħroġ mis-sentenza li tingħata mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-mertu ta' dik il-kawża huwa wieħed għal kollox differenti minn dak tal-kawża preżenti;

Li jgħodd għall-fini tal-kawża tal-lum huwa li l-Qorti ma għandhiex quddiemha la prova li f'ċirkostanza **li bejn wieħed u ieħor ikunu jixxiebħu ma' dawk imsemmijin fuq,** fejn allegatament kien hemm prova li *PRIMA FACIE* kellha tittieħed fuqha azzjoni kriminali għall-ksur ta' l-artikolu 3 u 7 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa, bħal ma ttieħdet kontra r-rikorrenti tal-lum, u lanqas prova li l-istess azzjoni kriminali ttieħdet kontra tagħhom minħabba opinjoni politika li jħaddnu;

Ksur tad-dritt fundamentali li ma jsofrux diskriminazzjoni kontrihom minħabba dina l-opinjoni għalhekk ma hemmx;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Dr. Enrico *sive* Henry Vassallo u Carmel Hili f'isimhom porprju u fil-kwalità tagħhom rispettiva ta' Editur u Stampatur tal-Gazzetta "Alernattiva", bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom";

5. Ir-rikorrenti appellaw u din il-Qorti se tittratta l-aggravji wieħed wieħed;

5 (a) L-ewwel lament huwa li l-ewwel Qorti waslet għas-sentenza tagħha b'mod sbrigattiv u ttrattat il-kwantità ta' materjal sottomess fil-provi b'mod xott tant li donnha lanqas

rathom. Fuq daqshekk jagħmlu riferenza għan-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom ta' l-1 ta' April, 1991, u magħha ftit għandhom x'iżidu;

5 (b) Fl-ewwel lok, għandha tiġi respinta l-kritika li hemm fir-rikors ta' appell fuq l-operat ta' l-ewwel Qorti. Fis-sentenza hemm risposta għal kull punt li ġie ssollevat mir-rikorrenti u jidher ċar li l-ewwel Qorti ma ħassitx il-bżonn li tikkummenta fuq dak li l-appellanti jsejħu "il-kwantità ta' materjal" li hemm miġbur fil-proċess. Wara kollox l-appellanti stess jgħid li dak il-materjal "seta' faċilment ġie użat biex il-motivi taċ-ċaħda jkunu aktar imfissra" u għalhekk il-kritika fuq daqshekk hija ta' natura pjuttost akkademika u ta' stil, milli ta' natura ġuridikament sostanzjali. Jista' jingħad ukoll illi ħafna mill-"provi" li hemm fil-proċess m'humiex strettament rilevanti imma billi dak "il-kwantità ta' materjal" inġabar minn Assistent Ġudizzjarju dak li jiddisponu l-artikoli 558 u 560 tal-Kap. 12 ma jistax jingħad li ġie kkoltivat u wisq anqas applikat;

Lanqas ma huwa korrett dak li ssottomettew ir-rikorrenti li peress li huma ntitolati li jiġu protetti anki jekk id-drittijiet fundamentali tagħhom **x'aktarx** se jiġu vvjolati, allura l-Qorti, kellha tindaga jekk il-fatti lilhom imputati kinux jagħtu lok għall-akkużi li sarulhom, u fuq daqshekk għamlu riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti "*Lateo vs* Kummissarju tal-Pulizija", tat-18 ta' Novembru, 1987;

Ir-rikorrenti però qed jillamentaw kemm għaliex bl-imputazzjonijiet li sarulhom ġew ivvjolati d-drittijiet tagħhom u allura l-Qorti kellha teżamina – kif għamlet – dik l-attwalità, mentri jekk il-vjolazzjonijiet huma biss **potenzjali**, jiġifieri li jirrikorru jekk u meta jiġu misjuba ħatja fuq dawk l-

imputazzjonijiet, allura, l-ewwel Qorti ġaladarba f'każ bħal dan, ma sabet ebda vjolazzjoni attwali, trid iċċedi l-pass għall-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati għaliex **il-proċess** huwa leġittimu u ma hemmx aktar il-possibbilità ta' vjolazzjonijiet potenzjali;

5 (ċ) Fin-Nota msemmija ta' l-1 ta' April, 1991, fil-paragrafu (ċ) jingħad illi għalkemm ir-rikorrenti kienu, fil-Protest Uffiċjali tagħhom kontra l-Kummissarju tal-Pulizija tad-19 ta' Mejju, 1990, issenjalawlu każijiet li jidhrilhom li fuqhom għandu jieħu passi kriminali kif ħa kontra tagħhom – dawn il-passi ma ttiħdux. B'hekk ir-rikorrenti jidhrilhom illi huma ġew soġġetti għal trattament diskriminatorju pprojbit mill-Kostituzzjoni;

Fil-Kostiotuzzjoni l-artikolu 45(2) jingħad;

.....ħadd ma għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew awtorità pubblika'';

u s-subinċiż (3) ta' l-istess artikolu jgħid:

.....il-kelma ''diskriminatorju'' tfisser (għoti ta') trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess, li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux issoġġettati għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunx mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn'';

Ir-rikorrent esibew kopji ta' ġurnali bħal "L-Orizzont" u "It-Torċa", li huma l-ġurnali tal-*"General Workers Union"*, kif ukoll ta' "In-Nazzjon Tagħna", il-ġurnal tal-Partit Nazzjonalista, u indikaw wkoll illi f'ċerti ħwienet ikun hemm riklami ta' oġġetti jew ħwejjeġ ta' natura intima – li kollha offendew il-pudur u l-morali pubblika, u li kontra tagħhom, l-intimat Kummissarju, ma ħax il-passi kriminali li għall-kuntrarju ħa kontra l-appellanti u dan minħabba l-opinjoni politika tagħhom jew tal-gazzetta li fiha dehret il-pubblikazzjoni mixlija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

L-artikolu 7 Kap. 248, jiddisponi illi:

"Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3.....direttament jew indirettament, jew bl-użu ta' kliem ekwivoku, joffendi l-moralità pubblika jew il-pudur, jeħel, meta jinstab ħati priġunerija jew multa flimkien";

L-artikolu 32 ta' l-istess Kap. 248, imbagħad, jiddisponi illi dak ir-reat huwa preskritt b'terminu ta' sena;

Issa s-sentenza appellata tgħid illi l-provi kollha ta' każijiet li setgħu offendew il-moralità pubblika u l-pudur, u li kontra tagħhom il-Kummissarju ma pproċediex, ma jistgħux jiġu pparagunati mal-każ tar-rikorrenti;

"...fejn mart wieħed li kien qiegħed jissubixxi perkwisizzjoni mill-Pulizija fid-dar ta' l-abitazzjoni tagħhom, tiġi murija bil-kitba u bir-ritratti bil-mod kif ġiet esposta din il-mara miżżewġa f'dan il-każ u partikolarment bir-raġġiera ta' ritratti ta' ħwejjeġ intimi li hemm imdawrin ma' l-immaġini ta' wiċċha daħqan";

La m'hemmx similarità bejn il-każijiet imsemmija mir-rikorrenti u l-każ tagħhom – allura m'hemmx diskriminazzjoni negattiva x'jillamentaw għaliex la l-każ huwa differenti, jistħoqqlu li jiġi ttrattat differentement;

L-ewwel Qorti ma' dan żiedet illi ma saritilha ebda prova li dan it-trattament differenti;

"....huwa attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom (i.e. tar-rikorrenti) rispettiva skond.....opinjonijiet politiċi";

għaliex, kif intqal qabel, dak it-trattament huwa attribwibbli għall-ispessur, jew il-gravità, jew l-eċċezzjonalità tal-każ tar-rikorrenti, – u mhux għall-opinjonijiet politiċi tagħhom;

Dan l-aspett huwa importanti għaliex għalkemm huwa d-dover tal-Kummissarju li jaġixxi kontra kull min jiddraskredixxi l-liġijiet penali, b'dan kollu fir-realtà, dan ma jsirx fil-livelli ġerarkiki tal-Korp tal-Pulizija u dan minħabba l-kumplessità tar-realtà moderna. Dak li huwa vitali u li huwa assolutament oġġezzjonabbli u pprojbit huwa li dak it-trattament divers ikun attribwibbli għas-sitt fatturi ta' diskriminazzjoni negattiva;

Il-Qorti tapprezza d-diffikultà oġġettiva li tiġi ppruvata xi waħda mill-motivazzjonijiet ipprojbiti għat-trattament diskriminatorju, però jidhrilha wkoll li indizji ċirkostanzjali kongruwi – meta jirrikorru – jpoġġu l-Qorti fil-posizzjoni li toħroġ l-id protettiva tagħha biex tissopprimi d-diskriminazzjoni illeċita. Iżda fil-każ preżenti, indizji ta' din in-natura verament m'hemmx. Dak li huma akkużati bih ma tantx jidher li għandu x'jaqsam ma' l-opinjonijiet politiċi li huma jħaddnu. Dan qed

jingħad b'ċerta ċirkospezzjoni għaliex proprjament ir-rikorrenti **assumew** li l-Qorti ţaf li l-gazzetta "Alternattiva" tesprimi opinjonijiet politiċi diversi minn dawk tal-ġurnali oħra li ġew esibiti u anki mill-persuna li esponiet riklami oġġezzjonabbli. Il-liġi stess tindika li l-Qorti ma tistax tant tiddispesa minn dawn il-provi ta' dak li **jidher** ovvju għall-partijiet, tant illi l-artikolu 599 Kap. 12 jippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor meta l-oġġett tal-prova jkun:

"…..fatti oħra ta' interess ġenerali jew **pubbliku** jew li **jkunu magħrufa minn kulħadd**";

Għalhekk il-lament fuq id-diskriminazzjoni ma jistax jiġi aċċettat;

(d) Il-libertà ta' espressjoni garantita mill-Kostituzzjoni fl-artikolu 41, hija libertà subordinata għall-valuri, libertajiet u drittijiet oħra kif jgħid is-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu:

"(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi m'għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu sa fejn dik il-liġi tagħmel provvediment:

(a) li jkun meħtieġ raġonevolment:

(i) fl-interess…..(ta' l-) moralità jew deċenza pubblika";

Billi l-libertà ta' espressjoni li qed jirrikkjamaw ir-rikorrenti m'hiex insidjata jekk mhux bl-allegazzjoni li dak li esprimew imur kontra l-moralità jew deċenza pubblika – u li f'dan l-istadju

dak li qed jagħmel il-Kummissarju huwa *prima facie* raġonevolment meħtieġ, ma jistax jiġi serjament iddubitat tant illi r-rikorrenti stess avvanzaw provi li huma jidhrilhom li offenew il-moralità jew deċenza pubblika imma li baqgħu impuniti;

Il-Konvenzjoni fl-artikolu 10(2) tagħmel l-istess sottomissjoni tal-libertà ta' espressjoni:

*"The exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilities, may be subject to such...conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, in the interests of...morals..."*;

Dawn id-disposizzjonijiet huma tant ċari li jeżentaw il-Qorti minn oservazzjonijiet ulterjuri u l-lament tar-rikorrenti fuq il-libertà ta' espressjoni ma jistax jiġi akkolt;

(e) L-artikolu 9 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

"1. Everyone has the right to freedom of thought, conscience and religion; this right includes freedom to change his religion or belief and freedom, either alone or in the community with others and in public or private; to manifest his religion or belief, in worship, teaching, practice and observance;

2.....";

Din il-garanazija hija intimament konnessa mal-libertà ta' espressjoni inkwantu, jekk il-ħsieb ma jiġix b'xi mod espress mhux possibbli li tkun taf bih. Ir-redazzjoni ta' l-artikolu tal-Konvenzjoni saret b'dan il-mod għal raġunijiet storiċi u filosofiċi u mhux strettament ġuridiċi. Għalhekk dak li ntqal fuq il-libertà

ta' espressjoni jgħodd hawnhekk ukoll, għaliex dak li l-artikolu verament jinteressah huma l-fehmiet reliġjużi, il-kuxjenza u *twemmin*. *Il-ħsieb* tar-rikorrent b'ebda mod ma huwa pperikolat bil-komportament ta' l-intimati jew min minnhom. Il-valur ta' l-artikolu *qiegħed band'oħra* – *jiggarantixxi l-libertà li wieħed* jipprofessa dik ir-reliġjon li jagħżel u li jimmanifesta pubblikament u attivament dak li jemmen;

6. Għal dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell tar-rikorrenti huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata;

*Spejjeż għall-appellant.*